**4 ta' Mejju, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Dr. Vladimir Formosa

*versus*

Direttur tas-Sigurtà Soċjali

## Preċedent – Qrati ta' Prima Istanza – Il-Poter Esekuttiv – Funzjoni "kważi ġudizzjarja"

*Fis-sistema ġudizzjarja nostran hu paċifiku li ma jeżistix dak li fis-sistema ta' "common law" hu magħruf bħala "the law of precedent" kif lanqas jeżisti l-kunċett parallel ta' "stare decisis". Però dan ma jfissirx li Qorti ta' Prim'Istanza tista' tapplika l-liġi kif jidhrilha.*

*Jekk dan il-prinċipju hu essenzjali fil-kamp ġudizzjarju l-istess hu ħafna aktar essenzjali meta huwa proprju l-Poter Esekuttiv u mhux dak Ġudizzjarju li jkun qed jeżerċita funzjoni "kważi ġudizzjarja" u li jkun suġġett għall-iskrutinju tal-Qrati.*

Il-Qorti: –

Dan hu l-appell minn deċiżjoni ta' l-Arbitru maħtur għall-fini ta' l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali mogħtija fil-21 ta' Novembru, 1991;

L-appellant fl-ewwel lok jissottometti illi huwa jieħu pensjoni miżjuda għal min jirtira taħt l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali u applika għall-pensjoni taż-żewġ terzi li huwa jsostni li hu intitolat għaliha bħala l-aktar waħda vantaġġjuża għalih;

It-talba tiegħu però ġiet miċħuda mid-Direttur u sussegwentement mill-Arbitru bid-deċiżjoni msemmija;

Omissis;

Illi kif iddeċidiet din il-Qorti bis-sentenza tagħha tal-21 ta' Ġunju, 1989 *in re* "Direttur tas-Servizzi Soċjali *vs* Edith Pace" fejn il-punt deċiż huwa identiku għall-preżenzi "il-ħlas ta' pensjoni meta ma jkunx hemm obbligu għall-kontribuzzjoni matul l-aħħar għaxar snin qabel l-irtir huwa rregolat b'dak l-artikolu", li hu l-artikolu 72 (ġa l-art. 15 ta' l-Att VI ta' l-1956) li jipprovdi għall-akkreditament ta' kontribuzzjonijiet;

Illi għalhekk skond il-liġi huwa intitolat għall-pensjoni tażżewġ terzi;

Is-sottomissjonijiet ta' *l-appellat* jinsabu fir-risposta minn preżentata għar-rikors ta' l-appell ta' Dr. Formosa u fin-nota ta' osservazzjonijiet ippreżentata fis-26 ta' Frar, 1992 u fihom essenzjalment ipprova jirribatti l-aggravji ta' l-appellant billi kkonforta d-deċiżjoni ta' din il-Qorti *in re* "Direttur tas-Servizzi Soċjali *vs* Edith Pace" deċiża fil-21 ta' Ġunju, 1989. U hu proprju minn hawn li tħoss li għandha tibda din il-Qorti;

Fis-sistema ta' dritt amministrattiv tagħna, speċjalment meta xi liġi partikolari, bħal ma hi l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali, tkun irriservat għall-Esekuttiv funzjonijiet "kważi ġudizzjarji" *li jinvolvu wkoll l-interprezzjoni tan-normi* tal-liġi, huwa solitu jingħata dritt ta' appell fuq punt ta' liġi lil din il-Qorti. F'dan il-kuntest, dan il-prinċipju huwa ta' importanza fundamentali f'sistema ta' *"checks and balances"* bħal ma hu tagħna fejn is-serpazzjoni bejn it-tliet poteri ta' l-Istat mhix assoluta. Fil-kors normali ta' l-iggvernar ta' pajjiż, deċiżjonijiet ta' indoli ġudizzjarju huma riservati għall-poter ġudizzjarju. Daħal però s-sistema li f'ċerti każi, għall-fini ta' prattiċità l-poter Esekuttiv fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni jieħu deċiżjonijiet fil-

konfront taċ-ċittadin li jinvolvu wkoll deċiżjonijiet fuq interpretazzjoni tal-liġi f'eżerċizzju li kif ingħad huwa deskritt bħala kważi ġudizzjarju. F'dawn il-każijiet l-iskrutinju tal-Qorti ta' l-Appell huwa intiż mhux biss biex jittutela d-drittijiet taċ-ċittadin fil-parametri tal-liġi u skond il-prinċipju tar-*Rule of Law* iżda anki biex isservi ta' direzzjoni lill-poter esekuttiv fl-eżerċizzju ta' dawk il-funzjonijiet kważi ġudizzjarji;

Issa **fis-sistema ġudizzjarja nostran hu paċifiku li ma jeżistix dak li fis-sistemza ta' *"common law"* hu magħruf bħala *"the law of precedent"* kif lanqas jeżisti l-kunċett parallel ta' *"stare decisis"*. Però**, kif ġie stabbilit minn din il-Qorti fi Strickland *vs* Hunter (Vol. XXX-1-446) li hu l-*"leading case"* f'din il-materja, **dan ma jfissirx** li fi Qrati ta' Prim'Istanza teżisti anarkija assoluta f'dik li hi interpretazzjoni u applikazzjoni tal-liġi fis-sens **li kull Qorti tista', hekk *sic et simpliciter*, tapplika l-liġi kif jidhrilha meta diġa jkun hemm pronunzjament awtorevoli ta' din il-Qorti.** Huwa paċifiku li l-Qrati Superjuri ta' Prim'Istanza għalkemm teoretikament mhux marbuta ma' dak li jiġi deċiż għal dak li hija liġi minn din il-Qorti, għandhom iħarsu lejn dak li jkun ġie deċiż minnha bl-ikbar rispett u rigward u għandhom jiddipartixxu mill-posizzjoni li tkun ħadet din il-Qorti f'każijiet rari fejn ikollhom motivazzjonijiet serji u ġodda li għandhom jiġu indikati fis-sentenzi li jagħtu. Illum, infatti, il-prinċipju li sentenza ta' Qorti ta' Ġurisdizzjoni Superjuri fuq punt ta' dritt għandha per regola tiġi segwita, għalkemm m'hemmx obbligu preċiż in propożitu, huwa stabbilit (ara wkoll "Il-Pulizija *vs* George Vigo – Vol. XL-IV-1147) u l-osservanza ta' dan il-prinċipju hija ċara għax diversament l-istess kwistjoni tispiċċa tiġi sollevata f'kull kawża u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun serjament intralċjata;

Hu ovvju li **jekk dan il-prinċipju hu essenzjali fil-kamp ġudizzjarju** biex jassikura dik l-armonija neċessarja biex il-liġi ma ssibx ruħha vaganti f'bosk ta' inċertezza, **l-istess hu ħafna aktar essenzjali meta huwa proprju l-Poter Esekuttiv u mhux dak Ġudizzjarju li jkun qed jeżerċita funzjoni "kważi ġudizzjarja" u li jkun suġġett għall-iskrutinju tal-Qrati.** U jekk, illum, il-prinċipju li Qorti ta' Ġurisdizzjoni inferjuri għandha bħala regola ssegwi l-insenjamenti ta' dik superjuri, huwa oramai assodat, din il-Qorti sempliċement ma tistax tifhem kif id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali l-ewwel, u l-Arbitru stess warajh, jistgħu jippretendu li meta l-liġi stess tassoġġetta d-diskrezzjoni tagħhom ultimament għal dik tal-Qorti ta' l-Appell għal dik li hi liġi, jieħdu deċiżjonijiet li ma jkunux konformi ma' dak li tkun iddeċidiet fir-rigward din il-Qorti. Dan, imbagħad, jassumi l-importanza akbar meta wieħed jikkonsidra li l-Parlament li jagħmel il-liġijiet u l-Esekuttiv li jamministra taħthom ma jkunux ħassew il-ħtieġa li jemendaw il-liġi wara li tkun ippronunzjat ruħha din il-Qorti;

Dan kollu, din il-Qorti ħasset li kellha tgħidu għaliex wara s-sentenza tagħha tal-21 ta' Ġunju, 1989 *in re* Id-Direttur tas-Servizzi Soċjali *vs* Edith Pace, dak li kellu jagħmel id-Direttur kien li sakemm ma jsirx tibdil fil-liġi japplikaha kif interpretatha din il-Qorti u mhux jibqa' japplikaha kif kien jagħmel qabel u li din il-Qorti kienet indikatlu li kien mod skorrett. Jekk dan id-dover kien jikombi fuq id-Direttur, aktar u aktar kien jinkombi fuq l-Arbitru li d-deċiżjonijiet tiegħu fuq punt ta' liġi huma appellabbli quddiem din il-Qorti. Kieku l-Arbitru kellu quddiemu punti ġodda li ma ġewx ventilati quddiem dik il-Qorti jew li jkun evidenti li sfuġġew lil din il-Qorti, wieħed jifhem, iżda meta bħal f'dan il-każ, mhux talli m'hemmx assolutament

xejn ġdid, iżda, il-punt li l-Arbitru semma biex jattira "l-attenzjoni lil kull min għandu interess" kien proprju l-punt kruċjali fil-kawża msemmija li ġie ttrattat u ġie eżaminat "*funditus*" u deċiż awtorevolment minn din il-Qorti, l-atteġġjament ta' l-Arbitru mhux biss jistona iżda, din il-Qorti ma tistax tħares lejh favorevolment għax hu ovvju li l-Arbitru għadu ma fehemx li mhux il-Qorti ta' l-Appell bħal ma għadu ma fehemx li f'dik li hi liġi għandu joqgħod għal dak li tiddikjara din il-Qorti. Li dan hu ovvju joħroġ anki mill-fatt li skond hu żewġ linji huma biżżejjed biex jikkomputaw id-deċiżjoni ta' din il-Qorti;

Din il-Qorti, għalhekk, tagħlaq dan il-kapitolu billi tesprimi l-isperanza tagħha li stejjer simili ma jiġux ripetuti aktar;

Ikkunsidrat fil-mertu:

Illi l-punti legali involuti f'dan il-każ huma identiċi għal dawk fil-każ ta' Edith Pace ċitat diġà u minn eżami komparattiv taż-żewġ proċessi ma hemm assolutament xejn ġdid ta' sustanza ħlief il-volum ta' riferenza għad-dibattiti parlamentari li issa li din il-Qorti rathom ma ssib fihom ebda rilevanza utili għas-soluzzjoni tal-każ. Il-punti kollha ventilati, kemm fin-nota ta' osservazzjonijiet kif ukoll fit-trattazzjoni orali din il-Qorti kienet diġà kkunsidrathom fis-sentenza preċedenti tagħha li għaliha qed issir speċifika riferenza;

Fuq il-bażi tal-liġi kif spjegata f'dik is-sentenza għalhekk, li din il-Qorti tikkonferma, l-infondatezza tad-deċiżjoni ta' l-Arbitru hija manifesta u għalhekk din il-Qorti tiddikjara għal kull fini u effett tal-liġi li l-appellant huwa intitolat għall-pensjoni

taż-żewġ terzi;

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell ta' Dr. Vladimir Formosa, tirrevoka d-deċiżjoni ta' l-Arbitru u tordna lid-Direttur iħallas lill-appellant pensjoni taż-żewġ terzi b'effett minn meta rtira skond il-liġi. L-ispejjeż ta' dan l-appell ikun a kariku ta' l-appellat Direttut tas-Sigurtà Soċjali.